

**Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni**

(2015/C 143/06)



*Wiċċ nazzjonali tal-munita l-ġdida kommemorattiva ta' EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mir-Repubblika ta' San Marino*

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona tal-euro kollha. Il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinj tal-muniti l-ġodda kollha, bħala informazzjoni għall-pubbliku u għall-partijiet kollha kkonċernati li jużaw il-muniti <sup>(1)</sup>. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 <sup>(2)</sup>, l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro, huma awtorizzati li jorġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni sakemm jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti ta' EUR 2 biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn kommemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazzjonali jew Ewropej.

**Il-pajjiż li qed jorġo il-munita:** Ir-Repubblika ta' San Marino

**Is-suġġett tal-kommemorazzjoni:** is-750 anniversarju mit-twelid ta' Dante Alighieri

**Deskrizzjoni tad-disinn:** Id-disinn minn Annalisa Masini juri ritratt ta' Dante, meħud minn affresk ta' Botticelli. Fuq il-lemin tar-ritratt, l-iskriżzjoni "DANTE" fuq l-assi vertikali. Fuq il-lemin taċ-ċirku intern hemm l-isem tal-pajjiż li qed jorġo il-munita, f'nofs ċirku, "SAN MARINO". Bejn dawn iż-żewġ iskrizzjonijiet, hemm il-marka taz-zekka "R"; is-snin "1265" u "2015" u l-inizjali tal-artist "AM". L-istil ta' ittri użat fl-identifikazzjoni tan-nazzjon u s-suġġett tal-munita kien ispirat bl-inqix tal-ewwel kopji tad-Divina Commedia (Il-Kummiedja Divina ta' Dante).

Iċ-ċirku estern tal-munita jirrappreżenta t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

**L-għadd ta' muniti li għandhom jinħarġu:** 104 000

**Data tal-ħruġ:** it-8 ta' April 2015

<sup>(1)</sup> Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

<sup>(2)</sup> Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).